



Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2018/0006(CNS)

17.5.2018

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE
dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud rigward l-iskema speċjali
għall-impriżi ż-żgħar
(COM(2018)0021 – C8-0022/2018 – 2018/0006(CNS))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Tom Vandenkendelaere

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ■ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA.....	12

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud rigward l-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar

(COM(2018)0021 – C8-0022/2018 – 2018/0006(CNS))

(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2018)0021),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C8-0022/2018),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 78c tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A8-0000/2018),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni biex timmodifika l-proposta tagħha konsegwentement, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
 3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
 4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal direttiva

Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jistabbilixxu l-livell nazzjonali tagħhom għall-eżenzjoni fil-livell l-aktar adattat għall-kundizzjonijiet politiċi u ekonomiċi tagħhom, skont il-limitu massimu *previst* f'din id-Direttiva. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li jiġi ċċarat li meta l-Istati Membri

Emenda

(8) Jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jistabbilixxu l-livell nazzjonali tagħhom għall-eżenzjoni fil-livell l-aktar adattat għall-kundizzjonijiet politiċi u ekonomiċi tagħhom, skont il-limitu massimu *u dak minimu previsti* f'din id-Direttiva. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li jiġi ċċarat li meta l-

japplikaw limiti differenti, dawn iridu jkunu bbażati fuq kriterji oġġettivi.

Istati Membri japplikaw limiti differenti, dawn iridu jkunu bbażati fuq kriterji oġġettivi.

Or. en

Emenda 2

Proposta għal direttiva Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Barra minn hekk, sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-kundizzjonijiet għal eżenzjoni mogħtija minn Stat Membru lil impriżi li mhumiex stabbiliti hemmhekk, jeħtieġ li tintalab notifika minn qabel bl-intenzjoni tagħhom li jibbenefikaw mill-eżenzjoni. Jenħtieġ li din in-notifika ssir **mill-impriża ż-żgħira lill-Istat Membru fejn hi stabbilita**. Wara, abbażi tal-informazzjoni ddikjarata fuq il-fatturat ta' dik l-impriża, jenħtieġ li **dak** l-Istat Membru jipprovdi dik l-informazzjoni lill-Istati Membri l-oħra kkonċernati.

Emenda

(13) Barra minn hekk, sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-kundizzjonijiet għal eżenzjoni mogħtija minn Stat Membru lil impriżi li mhumiex stabbiliti hemmhekk, jeħtieġ li tintalab notifika minn qabel bl-intenzjoni tagħhom li jibbenefikaw mill-eżenzjoni. Jenħtieġ li din in-notifika ssir **permezz ta' portal online, li jenħtieġ li jiġi stabbilit mill-Kummissjoni**. Wara, abbażi tal-informazzjoni ddikjarata fuq il-fatturat ta' dik l-impriża, jenħtieġ li l-Istat Membru **ta' stabbiliment** jipprovdi dik l-informazzjoni lill-Istati Membri l-oħra kkonċernati.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal direttiva Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) Biex jitnaqqas il-piż ta' konformità tal-impriżi ż-żgħar li mhumiex eżentati, jenħtieġ li l-Istati Membri jintalbu jissimplifikaw ir-reġistrazzjoni tal-VAT u ż-żamma ta' rekords, **u li jtawlu l-perjodi tat-taxxa biex ikun hemm inqas preżentazzjonijiet frekwenti tad-dikjarazzjonijiet tal-VAT**.

Emenda

(15) Biex jitnaqqas il-piż ta' konformità tal-impriżi ż-żgħar li mhumiex eżentati, jenħtieġ li l-Istati Membri jintalbu jissimplifikaw ir-reġistrazzjoni tal-VAT u ż-żamma ta' rekords. **Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi punt uniku ta' servizz għall-preżentazzjoni tad-denunzji tal-VAT fi Stati Membri**

differenti.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 1a (ġdid)

Direttiva 2006/112/KE

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a

Test fis-seħħ

(a) matul is-sena kalendarja kurrenti, il-valur totali ta' akkwisti intra-Komunitarji ta' merkanzija ma jeċċedix limitu li l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu iżda li ma jistax ikun inqas minn **10 000 euro** jew l-ekwivalenti *f' munita* nazzjonali;

Emenda

(1a) fl-Artikolu 3(2), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) matul is-sena kalendarja kurrenti, il-valur totali ta' akkwisti intra-Komunitarji ta' merkanzija ma jeċċedix limitu li l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu iżda li ma jistax ikun inqas minn **EUR 25 000** jew l-ekwivalenti *f'munita* nazzjonali;"

Or. en

Emenda 5

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 12

Direttiva 2006/112/KE

Artikolu 284 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu diversi limiti għal setturi ta' negozju differenti bbażati fuq kriterji oġġettivi. Madankollu, dawk il-limiti ***m'għandhomx*** ikunu aktar minn EUR 85 000 jew l-ekwivalenti fil-munita nazzjonali.

Emenda

L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu diversi limiti għal setturi ta' negozju differenti bbażati fuq kriterji oġġettivi. Madankollu, dawk il-limiti ***għandhom*** ikunu ***mhux inqas minn EUR 15 000 u mhux*** aktar minn EUR 50 000 jew l-ekwivalenti fil-munita nazzjonali.

Or. en

Emenda 6

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 12

Direttiva 2006/112/KE

Artikolu 284 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Qabel ma tibbenefika mill-eżenzjoni fi Stati Membri oħra, l-impriża ż-żgħira għandha tinnotifika lill-Istat Membru fejn tkun stabbilita.

Emenda

*Il-Kummissjoni għandha tistabilixxi portal online li permezz tiegħu għandhom jirreġistraw dawk l-impriżi ż-żgħar li jkunu jixtiequ jibbenefikaw mill-eżenzjoni fi **StatMembru ieħor**.*

Or. en

Emenda 7

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 18

Direttiva 2006/112/KE

Artikolu 294e – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri **jistgħu** jeżentaw lill-impriżi ż-żgħar mill-obbligu li jippreżentaw denunzja tal-VAT stabbilita fl-Artikolu 250.

Emenda

L-Istati Membri **għandhom** jeżentaw lill-impriżi ż-żgħar mill-obbligu li jippreżentaw denunzja tal-VAT stabbilit fl-Artikolu 250.

Or. en

Emenda 8

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 18

Direttiva 2006/112/KE

Artikolu 294e – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Jekk din l-għażla ma tkunx eżerċitata, l-Istati Membri għandhom jippermettu lil dawn l-impriżi ż-żgħar eżentati jippreżentaw denunzja tal-VAT

Emenda

imħassar

issimplifikata biex tkopri l-perjodu ta' sena kalendarja. Madankollu, l-impriżi ż-żgħar jistgħu jagħżlu li jiġi applikat il-perjodu tat-taxxa stabbilit skont l-Artikolu 252.

Or. en

Emenda 9

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 18
Direttiva 2006/112/KE
Artikolu 294i

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Għall-impriżi ż-żgħar, il-perjodu tat-taxxa li għandu jkun kopert f'denunzja tal-VAT għandu jkun il-perjodu ta' sena kalendarja. Madankollu, l-impriżi ż-żgħar jistgħu jagħżlu li jiġi applikat il-perjodu tat-taxxa stabbilit skont l-Artikolu 252.

imħassar

Or. en

Emenda 10

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt 18
Direttiva 2006/112/KE
Artikolu 294ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 294i

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi punt uniku ta' servizz li permezz tiegħu l-impriżi ż-żgħar ikunu jistgħu jippreżentaw id-denunzji tal-VAT tal-Istati Membri differenti fejn ikunu qed joperaw. L-Istat Membru ta' stabbiliment għandu jkun responsabbli għall-ġbir tal-VAT.

Or. en

Emenda 11

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 18

Direttiva 2006/112/KE

Artikolu 294j

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 294j

imħassar

Minkejja l-Artikolu 206, l-Istati Membri m'għandhomx jitolbu li jsiru ħlasijiet interim mill-impriżi ż-żgħar.

Or. en

Emenda 12

Proposta għal direttiva

Artikolu 1a (ġdid)

Regolament (UE) Nru 904/2010

Artikolu 31 – paragrafu 1

Test fis-seħħ

Emenda

Artikolu 1a

Ir-Regolament (UE) Nru 904/2010 huwa emendat kif ġej:

Fl-Artikolu 31, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru għandhom jiżguraw li persuni involuti fil-provvista intra-Komunitarja ta' oġġetti jew servizzi u persuni taxxabbli mhux stabbiliti li jfornu servizzi ta' telekomunikazzjoni, servizzi tax-xandir u servizzi pprovduti elettronikament, partikolarment dawk imsemmija fl-Anness II tad-Direttiva 2006/112/KE, huma permessi jiksbu, għall-ħtiġijiet ta' dawn it-tranżazzjonijiet, konferma elettronika tal-validità tan-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT ta' kwalunkwe persuna speċifikata kif ukoll l-isem u l-

"1. L-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru għandhom jiżguraw li persuni involuti fil-provvista intra-Komunitarja ta' oġġetti jew servizzi u persuni taxxabbli mhux stabbiliti li jfornu servizzi ta' telekomunikazzjoni, servizzi tax-xandir u servizzi pprovduti elettronikament, partikolarment dawk imsemmija fl-Anness II tad-Direttiva 2006/112/KE, huma permessi jiksbu, għall-ħtiġijiet ta' dawn it-tranżazzjonijiet, konferma elettronika tal-validità tan-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT ta' kwalunkwe persuna speċifikata kif ukoll l-isem u l-

indirizz assoċjati. Din l-informazzjoni għandha tikkorrispondi **mad-dejta** msemmija fl-Artikolu 17.

indirizz assoċjati. Din l-informazzjoni għandha tikkorrispondi **għad-data** msemmija fl-Artikolu 17. **Is-Sistema tal-iskambju ta' informazzjoni tal-VAT (VIES) għandha tinkludi referenza għal jekk l-impriżi ż-żgħar eliġibbli jagħmlux użu mill-eżenzjoni mill-VAT."**

Or. en

Emenda 13

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Sa mhux aktar tard **mit-30 ta' Ġunju 2022**, l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. **Dawn** għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Emenda

Sa mhux aktar tard **mill-31 ta' Diċembru 2019**, l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. **Huma** għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 14

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' **Lulju 2022**.

Emenda

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' **Jannar 2020**.

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

Ir-rapporteur jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex jittaffa l-piż tal-konformità tal-VAT fuq l-SMEs. In-negozji ż-żgħar iġorru spejjeż ta' konformità tal-VAT proporzjonalment ogħla minn negozji akbar, u dan mhux biss imur kontra l-prinċipju ta' tassazzjoni ġusta, iżda jxekkel ukoll l-intraprenditorija. Din il-proposta għandha l-għan li trawwem l-intraprenditorija madwar l-Unjoni permezz tal-introduzzjoni ta' xi miżuri ta' simplifikazzjoni amministrattiva għall-impriżi ż-żgħar.

Sabiex jintlaħaq dan l-għan, ir-Rapporteur jikkunsidra xi titjib f'dawn it-tliet oqsma li ġejjin:

L-ewwel nett, din il-proposta għandha l-għan li tespandi l-eżenzjoni mill-VAT għall-impriżi ż-żgħar minn reġim purament nazzjonali għal wieħed fil-livell tal-UE. Għaldaqstant, ir-Rapporteur jemmen li dan ir-reġim għandu jiġi armonizzat b'mod xieraq sabiex ma jfixkilx it-tħaddim tas-suq intern. Ġew introdotti diversi emendi għal dan il-għan. Ir-Rapporteur jipprova jarmonizza l-eżenzjonijiet mill-VAT bl-istabbiliment ta' limitu massimu u limitu minimu. Huwa jirsisti wkoll tkun obbligatorja li l-Istati Membri ma jirrikjedux denunzji tal-VAT mill-impriżi li huma eżentati mill-VAT. Barra minn hekk, huwa jipproponi li jitwaqqaf portal online li permezz tiegħu għandhom jirreġistraw dawk l-impriżi li jkunu jixtiequ jibbenefikaw mill-eżenzjoni mill-VAT fi Stat Membru ieħor.

It-tieni, ir-Rapporteur jipprova jimponi simplifikazzjonijiet amministrattivi reali għall-SMEs. Apparti l-miżuri ta' simplifikazzjoni proposti, huwa jitlob ukoll li jiġi stabbilit punt uniku ta' servizz għad-denunzji tal-VAT. L-ikbar ostaklu għall-SMEs meta jaġixxu fuq livell transkonfinali huwa l-lingwa. Għalhekk, il-fatt li tkun tista' ssir preżentazzjoni tad-denunzji tal-VAT minn Stati Membri differenti permezz ta' punt uniku ta' servizz jista' jfisser miżura ta' simplifikazzjoni sinifikanti għall-impriżi ż-żgħar.

Min-naħa l-oħra, id-denunzja annwali tal-VAT proposta għall-kumpaniji ż-żgħar ma timplikax simplifikazzjoni reali għall-SMEs. Minkejja li din il-miżura tinstema' attraenti, fir-realtà jkollha wisq effetti sekondarji negattivi. Id-denunzji annwali tal-VAT għall-impriżi ż-żgħar se jżidu b'mod sinifikanti l-fallimenti. L-impredituri ż-żgħar infushom ukoll jitolbu aġġornamenti frekwenti dwar iż-żamma tal-kotba u s-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom. Għalhekk, ir-Rapporteur jitlob li din il-miżura titħassar.

It-tielet, ir-Rapporteur jemmen li dan il-fajl għandu jiġi ttrattat b'mod separat mill-fajls l-oħra tal-VAT. Il-miżuri ta' simplifikazzjoni tal-VAT għall-SMEs jistgħu jiġu implimentati aktar malajr mis-sistema definittiva tal-VAT. M'għandu jkun hemm l-ebda dewmien fit-trawwim tal-intraprenditorija. Għalhekk, id-data ta' implimentazzjoni ta' din il-proposta tista' tiġi antiċipata.